Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 314/11 (JE).

Renato Pullicino

vs

Gordon Debono

Illum, 6 ta' Frar 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Renato Pullicino tal-15 ta' Lulju 2011 fejn stqarr illi xtara u akkwista mingħand il-konvenut vettura tat-tip Jaguar bin-numru GOZ 065, liema vettura kellha *windscreen* bi ħsara rreparabbli li jrid jinbidel. Illi tali ħsara ma kienetx ikkontestata mill-konvenut imma minkejja diversi wegħdiet, il-konvenut baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, l-attur talab illi l-konvenut iħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsin euro (€ 650) rappreżentanti ħames mija u ħamsin euro (€ 550) prezz ta' l-istess *windscreen* u pustaġġ u mitt euro (€ 100) prezz ta' xogħol sabiex dina titqiegħed fil-vettura de quo, bl-ispejjeż tal-preżenti.

Ra illi l-konvenut, għalkemm debitament notifikat, baqa' kontumaċi.

Sema' l-provi tal-attur.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi t-talba attriċi hija ġustifikata. Permezz ta' stima Dok RP1 maħruġa mis-soċjetà "Gregory & Murray Co. Ltd." esibita mill-attur fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012, jirriżulta l-ispiża biex jinbidel il-*windscreen* in kwistjoni u jitwaħħal fil-karozza tal-attur tammonta għal sitt mija u sitt euro 30 ċenteżmu (€ 606.30).

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi in parte u jordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sitt euro 30 ċenteżmu (€ 606.30) bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.